**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 07/2024**
**26 ta' Ottubru 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fid-8:36 a.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (Skużat 10.11am)
Liam Sciberras – Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

NIL

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 5 u 6

Il-Minuti tal-Laqgħa 05-24 IX u 06-24 IX, ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament bl-emendi mitluba mill-Kunsillier Sciberras. Il-Minuti Nru 05 ġew approvati mill-Kunsilliera Sciberras u D'Amato, u l-Minuti Nru 6 ġew approvati mill-Kunsilliera Debattista u Sciberras.

## 7.3 Approvazzjoni ta' Quaterly 1 u Quaterly 2

L-Accountant tal-Kunsill spjega l-Quaterly 1 u 2 lill-Kunsilliera u informa li l-Kunsill qiegħed f'sitwazzjoni stabbli minħabba li d-dejn huwa tal-Gazebo, li huwa investiment għall-kunsill. Il-Kunsillier Sciberras xtaq li jastjeni sabiex idurhom sew għalhekk talab li dawn jiġu approvati fis-seduta li jmiss.

## 7.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**7.4.1** Is-Sindku nfurmat li s-Seduta Nru 5 ma ġietx **recorded** kemm fuq Facebook kif ukoll fuq Zoom. Għamilna diversi kuntatti ma Zoom u Facebook iżda l-problema ma ġietx solvuta. Għalhekk is-seduta ser tibda tiġi rrekordjata b'mod manwali.

**7.4.2** Is-Sindku infurmat li s-SE talbet għall-impjegata **full-time** mal-Kunsill, peress li l-impjegata li għandu l-Kunsill bħalissa hija reliever mibgħuta mid-DLG u x-xogħol li tista' tagħmel huwa limitat. Il-Kunsilliera preżenti qablu għall-impjegat ieħor iżda il-Kunsillier Sciberras talab rapport għalfejn hemm bżonn li tiġi ngaġġata impjegata full time. Is-Sindku kif ukoll il-Kunsillier Sciberras qablu sabiex nitolbu għall-għajnuna finanzjarja lid-DLG. Il-Kunsill qabel li għalissa nemendaw l-applikazzjoni sabiex tinbidel minn part time għal full time.

**7.4.3** Is-Sindku nfurmat li t-tender tar-**RENOVATION WORKS AT PUBLIC CONVENIENCE IN DAWRET IT-TORRI (T/KLSL/02/2024)** għalqet u l-bord ser ikun magħmul minn:

Chairperson – Is-Sindku, Kapt. Charmaine St John
Bord ta' Evalwaturi – Il-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Kylie D'Amato u Liam Sciberras

**7.4.4** Is-Sindku infurmat li saret google form dwar iċ-**Ċentru Ċiviku** sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom. Din ser tkun disponibbli online kif ukoll ser titqassam lir-residenti. Din il-formola ser tiġi mgħoddija lill-Kunsillier flimkien mal-pjanti tal-proġett sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-kummenti tagħhom qabel tinħareġ għall-pubbliku. Wara li l-google form toħroġ għall-pubbliku, il-Kunsill ser jiltaqa' b'mod informali sabiex jiġu diskussi s-suġġerimenti li jkunu għaddew biex nimxu min hemm. Il-Kunsillier Sciberras li ma jixtieqx li ċ-Ċentru Ċiviku jsir fuq art verġni, filwaqt li s-Sindku infurmatu li l- art mhux verġni. Il-Viċi Sindku ma jaqbilx li ssir google form u informa li l-proġett ilu pjanat żmien u ġa ntefqu ħafna flus għall-ippjanar. Il-Viċi Sindku ppropona li jsir Referendum sabiex naraw in-nies fejn jixtiequ li jsir. Il-Kunsillier Sciberras qabel li r-referendum jsir wara l-google forms skond l-andament tar-residenti. Is-Sindku infurmat li l-ewwel irridu naraw x'ser ikun ir-riżultat tal-google forms qabel ma niddeċidu fuq Referendum.

Il-Viċi Sindku skuża ruħu mill-laqgħa fl-10.11am.

**7.4.5** Is-Sindku nfurmat li ġew mgħoddija qabel lill-Kunsilliera l-Minuti tal-laqgħa li saret mas-Sur Alex Spiteri dwar is-**Santa Luċija Sports Club** li saret nhar is-17 ta' Ottubru 2024. Il-Kunsill approva. (Annex 1)

**7.4.6** Is-Sindku infurmat li diġà ġew mgħoddija lill-Kunsilliera il-Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-11 ta' Ottubru 2024 mar-Right 2 Smile dwar l-attività tal-**Halloween**. Il-Kunsill approva. (Annex 2)

**7.4.7 Is-Sindku attendiet għal laqgħa organizzata mill-Housing Authority nhar l-10 ta' Ottubru 2024. Il-Kunsilliera ġew mgħoddija l-minuti ta' din il-laqgħa, kif ukoll draft tal-MoU dwar x-xogħol ta' manutenzjoni għaż-żamma tal-open spaces li jinsabu fis-social housing estates. Is-Sindku nfurmat li l-aħjar niċċekjaw jekk hux biżżejjed bħala spejjeż għall-manutenzjoni, imbagħad jiġi mgħoddi lill-avukata tal-kunsill. Il-Kunsill ma qabilx li nidħlu għal dan il-kuntratt jekk ma niġux koperti sew fl-spejjeż. (Annex 3)**

**7.4.8** Is-Sindku infurmat li l-Gudja oġġezzjonaw li bħala Kunsill, napplikaw għal Vjal Kulħadd għal **Trejqet Santu Kristu**. Dan peress li għadhom kemm għamlu proġett huma taħt il-Miżura 4.3. Is-Sindku ser tiltaqa' xorta mas-Sindku tal-Gudja, anke biex jiġu installati t-tabelli tal-One Way wara li kienet approvata fi Frar 2021. Il-Kunsillier Sciberras xtaq li għal skema oħra napplikaw biex sqaq magħluq b'gate li qiegħed viċin il-jogging track minn tal-Barrani jiġi aċċessibli għar-residenti. Is-Sindku infurmat li ser nibdew billi napplikaw mal-Lands Authority.

**7.4.9** Is-Sindku infurmat li l-minuti li ġew mibgħuta wara l-laqgħa li saret bejn il-Kunsill u l-**Perit Mugliett** nhar is-16 ta' Ottubru 2024 dwar il-krematorju huma minuti interni. Dawn il-minuti ser jiġu diskussi permezz tal-email. (Annex 4)

**7.4.10** Is-Sindku nfurmat li s-SE issuġġerit li tinħareġ formola għad-**Double Yellow Lines** sabiex ir-residenti jkunu jistgħu japplikaw biha, u wara tiġi approvata mill-Kunsill/TM. Is-Sindku infurmat li l-aħjar li r-residenti jiġu infurmati fuq s-social media wkoll, sabiex ikunu jafu bil-proċedura. B'referenza għal Triq Ġuljetta Lopez, ser issir site plan kif qed jiġi suġġeriet li jsiru l-linji sabiex tiġi approvata mill-Kunsill u TM. Fl-istess waqt jiġu infurmati s-sidien tal-garaxxijiet. Il-Kunsill approva.

**7.4.11** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva parti mill-fondi għall-**SPI/SCI/02/2024** tal-iskema Finanzjament Kommunitajiet aktar b'saħħithom u Inklussivi, li bihom ser jitranġa l-parti l-oħra tal-bandli.

**7.4.12** Is-Sindku infurmat li rċivejna proposta sabiex isir bust ta' **Ray Mahoney** iffananzjat mill-Ministeru tal-Gvern Lokali, iżda l-Kunsill ma qabilx mal-proposti ta' fejn jista' jsir. Il-Kunsill qabel li idealment jsir ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp u viċin tad-dar tiegħu.

**7.4.13** Is-Sindku qalet li rċivejna proposta sabiex napplikaw għal twinning ma Taiyuan City, iċ-Ċina iżda infurmat li bħalissa mhemmx ċans sabiex napplikaw għal dan il-**ġemellaġġ**. Il-Kunsill qabel.

**7.4.14** Is-Sindku infurmat li rċivejna talba mill-klabb tal-Boċċi sabiex isiru 3 **billboards** fil-pitch. Il-Kunsill approva li jsiru 3 (4m x 2m) għall-prezz ta' €270-il waħda u jieħdu ħsieb it-twaħħil huma wkoll. Dan il-billboards ser ikunu bl-ikeda tal-iskart, il-van tal-kunsill, kif ukoll riklam tal-Ġnien is-Serenità.

**7.4.15** Is-Sindku infurmat li l-iSkema tac-**CIES** ġiet approvata.

**7.4.16** Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera sabiex id-DSE ikollhu aċċess għall-**BOV internet banking**. Il-Kunsilliera approvaw.

**7.4.17** Is-Sindku resqet it-talba tas-SE sabiex l-istaff ikollhom **€10** żgħar kull wieħed sabiex ikollhom minn fejn jagħtu l-bqija lil minn jiġi l-Kunsill sabiex jgħaddi pagament. Il-Kunsill approva.

**7.4.18** Is-Sindku infurmat li rċivejna talba sabiex jintuża Ġnien is-Serenità għal **Fashion Show** nhar is-17 ta' Mejju 2025 u li ser tiġi mgħoddija via email.

**7.4.19** Is-Sindku infurmat li bħalissa hemm is-**CCTV camera** li mhix tintuża f'Wied Garnaw, għalhekk issuġġerit li ssir fil-hotspot ta' Dawret it-Torri. Il-Kunsill qabel dwar li tiġi mressqa. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerrixxa sabiex ikun hemm iżjed infurzar mill-Green Wardens.

**7.4.20** Is-Sindku infurmat li wara talba tal-Kunsillier Sciberras, Identitaà Malta infurmawna sabiex ngħaddulhom il-lista ta' min jixtieq iġedded l-**ID card** kif ukoll issuġġerixxa sabiex ninfurmaw lir-residenti via l-midja soċjali.

**7.4.21** Is-Sindku infurmat li rċiviet talba mingħand is-surmast tal-**Kulleġġ St Thomas** Moore għall-użu tal-Gazebo nhar il-20 ta' Diċembru 2024. Il-Kunsill approva. Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li ġew mgħoddija qabel lill-Kunsilliera l-Minuti tal-laqgħa li saret mas-Surmast li saret nhar l-4 ta' Ottubru 2024 dwar diversi attivitajiet. Il-Kunsill approva. (Annex 5)

**7.4.22** Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera Debattista dwar email li ġiet mibgħuta minnha dwar jekk inħarġitx il-call għall-**attivitajiet tal-Milied**. Il-Kunsilliera Debattista rrimarkat sabiex tinħareġ call għar-residenti sabiex naraw minn jixtieq jagħti l-għajnuna tiegħu għal diversi attivitajiet.

**7.4.23** Is-Sindku infurmat dawr Bye-Law dwar iż-żamma tal-Ħaxix Selvaġġ fil-Passaġġi Rurali. Il-Kunsilliera qablu li tiġi diskussa wara li tiġi mgħoddija l-email bl-attachment sabiex jkunu jistgħu jgħaddu l-kummenti tagħhom.

**7.4.24** Is-Sindku infurmat li trid issir il-**Laqgħa tal-Lokalità** li trid issir kull sena. Il-Kunsilliera qablu li ssir nhar l-10 ta' Diċembru 2024 fil-5.30pm u wara jsir riċeviment żgħir anke minħabba l-festi u r-residenti jkunu jistgħu jgħaddu l-kummenti tagħhom.

**7.4.25** Is-Sindku nfurmat li ser torganizza **Cinema Day** lir-residenti nhar 7 ta' Novembru 2024.

**7.4.26** Is-Sindku talbet sabiex tiġi ċċaratata s-sitwazzjoni tal-użu tat-Tearoom minn **E-Skills**. Il-Kunsilliera qablu li E-Skills għandhom iħallsu €500 totali għal 5 sessjonijiet.

**7.4.27** Is-Sindku nfurmat li nhar is-26 ta' Ottubru 2024 ir-Right 2 Smile ser isir il-mural fis-**subway**.

**7.2.28** Is-Sindku rċiviet talba mingħand **Angelic Voices** sabiex ngħinuhom finanzjament fis-sound u l-ħlas tal-mużiċista Jacob Portelli fil-kunċert tal-Milied li ser isir nhar it-22 ta' Diċembru 2024. Is-Sindku issuġġerit li jinġabru donations għall-Karl Vella Foundation. Il-Kunsilliera qablu unanimament.

**7.2.29** Is-Sindku infurmat li **Ambjent Malta** ġew jiċċekkjaw l-irrigation tal-Jogging Track, l-Water Fountains u Ġnien Simbjożi sabiex jaraw x'hemm bżonn ħalli jerġgħu jibdew jiffunzjonaw.

**7.2.30** Is-Sindku infurmat li rċivejna mingħand ir-**Reġjun Nofsinhar** biex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni offruti mir-Reġjun għall-lokalità tagħna. Is-Sindku u l-Kunsillier Sciberras issuġġerew li jsir il-kisi tal-ħitan ta' Dawret it-Torri u Triq iċ-Ċikwejra. Ir-Reġjun ukoll ħareġ Skema t'Għajnuna Finanzjarja għall-Milied. Il-Kunsill qabel li napplikaw bħas-soltu għad-dawl tal-Milied. Is-SE infurmat li ġa ħarġet it-talba għal kwotazzjoni għad-dawl tal-Milied, fejn l-unika applikant kien **Joseph Grech**. Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.2.31** Is-Sindku rċiviet talba biex isiru lezzjonijiet ta' **Tai Chi** organizzati minn MCAST għal anzjani li jattendu l- Active Ageing Program. Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.2.32** Is-Sindku infurmat li l-kuntratt tal-**Minor Works** skada kif ukoll l-kuntrattur jinsab imweġġa'. Tlabna għall-kwotazzjonijiet, iżda bagħat risposta kuntrattur wieħed. L-unika kuntrattur kien Silvar Constructions. Bħala Kunsill qabel li napplikaw għal Direct Order mad-DLG sakemm tinħareġ it-tender.

**7.2.33** Is-Sindku talbet lill-Kunsill ta' Ħal Għaxaq sabiex tkun parti mis-Seduta tagħhom sabiex tispjegalhom eżatt x'inhi l-problema rigward is-sitwazzjoni tal-**Wasteserv.**

**7.2.34** Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera Debattista sabiex tagħti l-way forward kif ser jitqassmu l-**animal vouchers.** Il-Kunsilliera Debattista infurmat li l-vouchers iridu jibdew jitqassmu skond l-ammont tal-qtates fil-kolonja. Is-Sindku rrimarkat li kull cat feeder reġistrat, dejjem irid jieħu imqar voucher wieħed.

**7.2.35** Is-Sindku talbet kjarifika dwar **LC Care Scheme 2019**. Il-Kunsillier Sciberras informa li applikajna għal €10,000, iżda ma ntużax kollhu, għalhekk ġew mitlufa l'bqija tal-fondi. Il-Kunsilliera Debattista infurmat li

hemm residenti li għandhom problema tat-trasport minħabba n-neutering kif ukoll għall-VET b'xejn. Il-Kunsill qabel li joffri s-servizz tal-van.

**7.2.36** Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera D'Amato u Sciberras sabiex jgħaddu r-rapport tagħhom dwar il-konferenza dwar l-*International Forum on Culture and Tourism Development of Silk Road Cities* li saret bejn 19-24 ta' Settembru 2024 fi Kunming, ċ-Ċina.

Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti.

### 7.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku ressqet mozzjoni sabiex tiġi mgħoddija l-iskeda tal-pagamenti minħabba li ser jinqabżu it-3 siegħat. Il-Kunsilliera D'Amato ipproponiet u ssekondat il-kunsilliera Debattista.

### 7.6 Mozzjoni Nru. 8 – 2024 dwar it-triq 'il quddiem – Parkeġġ fi Triq Dawret it-Torri mressqa minn Dr. Liam Sciberras u ssekondata minn Connie Debattista.

Is-Sindku ressqet mozzjoni sabiex tiġi mgħoddija l-mozzjoni nru. 8 minħabba l-limitu tal-ħin.

Wara li l-Kunsillier Sciberras qara l-mozzjoni tiegħu ġew mgħoddija l-kummenti tal-Kunsilliera l-oħra:

Is-Sindku apparti li qablet mal-mozzjoni, talbet li tiżdied emendment: subject li l-Avukata tagħna taċċetta li tirrappreżenta lill-Kunsill f'dan il-każ peress li diġà bdiet taħdem magħna fuq dan il-każ, minħabba l-etika tax-xogħol.

Il-Kunsilliera D'Amato qablet mal-mozzjoni u qablet li talbet li tiżdied l-emendment tas-Sindku. Il-Kunsilliera D'Amato staqsiet kemm jdum każ bħal dan fil-Qorti. Il-Kunsillier Sciberras spjega li ma jistax jagħti tweġiba.

Il-Kunsillera Debattista qablet mal-emenda tas-Sindku kif ukoll mal-mozzjoni anke peress li din spiċċat affetwat il-lokalità kollha wara li kull tentattiv falla.

Il-Kunsillier Sciberras xtaq li f'każ li l-avukata tal-Kunsill ma tweġibx jew ma taċċettax, nitolbuha r-release letter sabiex jiġi mqabbad avukat ieħor. Is-Sindku ma qablitx ma dan u qalet f'każ li ma taċċettax l-avukata, terġa tiġi diskussa.

### 7.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet f' 12.00pm u ġiet aġġornata għall-nhar il-Ħamis 28 tax-xahar ta' Novembru 2024 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 26 ta' Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |